



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.5.2017
COM(2017) 273 final

2017/0110 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards fin-navigazzjoni interna (CESNI) u fis-sessjoni plenarja tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (is-CCNR) rigward l-adozzjoni ta' standards dwar ir-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u l-emendar tad-dispożizzjonijiet tranżitorji fir-rigward ta' dawk il-bastimenti

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna l-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kunsill b'applikazzjoni tal-Artikolu 218(9) TFUE rigward l-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni fil-laqgħa tal-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards fin-navigazzjoni interna (CESNI) tas-6 ta' Lulju 2017 fir-rigward ta' standard Ewropew li jstabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u waqt il-laqgħa tas-sessjoni plenarja tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR) tal-31 ta' Mejju 2017 dwar l-adozzjoni ta' emendi għad-dispożizzjonijiet tranżitorji fir-rigward ta' dawk il-bastimenti.

Id-Deċiżjoni – li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni – hija meħtieġa biex jiġi żgurat li l-interessi tal-UE jiġu meqjusa adegwament fil-każijiet internazzjonali meta jiġu adottati regolamenti dwar l-istabbiliment ta' standards tekniċi għal bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Dawn l-istandards huma inkorporati fil-liġi tal-UE b'mod partikolari fid-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE, li tinkludi referenza diretta għal dawk l-istandards.

1.1. Is-CESNI u s-CCNR

Is-CCNR hija organizzazzjoni internazzjonali b'kompetenza regolatorja għal kwistjonijiet ta' trasport b'navigazzjoni interna fuq ir-Renu. Erba' (4) Stati Membri (il-Belġju, Franza, il-Ġermanja u n-Netherlands) u l-Iżvizzera huma partijiet fi ħdan is-CCNR.

Fl-2015, is-CCNR approvat il-ħolqien u l-funzjonament tas-CESNI. Il-missjoni tagħha tinkludi l-adozzjoni ta' standards tekniċi f'oqsma diversi, b'mod partikolari fir-rigward tal-bastimenti, it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-ekwipaġġ, l-interpretazzjoni uniformi ta' dawn l-istandards u l-proċeduri korrispondenti kif ukoll id-deliberazzjonijiet dwar is-sikurezza tan-navigazzjoni, il-protezzjoni tal-ambjent jew oqsma oħra tan-navigazzjoni.

Is-CESNI hija magħmula minn esperti li jirrappreżentaw lill-Istati Membri tas-CCNR u tal-UE li jkollhom drittijiet ta' vot fuq il-bażi ta' vot wieħed għal kull Stat.

L-UE mhix parti tas-CCNR jew tas-CESNI. Madankollu, tista' tipparteċipa fil-ħidma tas-CESNI, flimkien ma' organizzazzjonijiet internazzjonali li l-missjoni tagħhom tkopri l-oqsma kkonċernati mis-CESNI, iżda mingħajr drittijiet tal-vot.

Is-CESNI tadotta standards b'unanimità tal-voti tas-CCNR u l-Istati Membri tal-UE preżenti. Fin-nuqqas ta' kunsens rigward id-deċiżjoni li l-adozzjoni ta' standards titqiegħed fuq l-aġenda, is-CESNI tiddeċiedi b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti tal-membri preżenti fil-laqgħa. Barra minn hekk, is-CESNI tadotta l-istandards b'unanimità tal-voti tal-Istati Membri tas-CCNR u tal-UE preżenti. Ladarba jiġu deċiżi, l-istandards jingħataw numru ta' referenza uniku u jiġu ppubblikati.

Is-CCNR sawret esperjenza sinifikanti fl-istabbiliment tar-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Is-CESNI, li hija stabbilita fil-qafas tas-CCNR u bil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri kollha tal-UE, għalhekk għandha l-għarfien espert meħtieġ u r-rappreżentanza ġeografika sabiex tfassal standards komuni għan-netwerk kollu tal-passaġġi fuq l-ilma interni fl-Unjoni Ewropea.

1.2. L-istandard Ewropew li jistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni

Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn iż-żewġ reġimi ġuridiċi eżistenti għal rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni (ir-Renu u l-UE) huwa meħtieġ li jiġu pprovduti l-istess standards. Kemm il-liġi tal-UE u r-Regolament tas-CCNR se jirreferu għal standards li jitwasslu permezz tas-CESNI ES-TRIN 2017/01 mis-7 ta' Ottubru 2018 (id-data tal-iskadenza tat-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-UE 2016/1629 u d-data tal-applikabbiltà tal-ES-TRIN 2017/01).

Il-liġi tal-UE u r-reġim regolatorju tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni tar-Renu (CCNR) għal bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni se jkunu allinjati għalkollox mit-8 ta' Ottubru 2018.

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI

Sabiex jiżgura l-adattament progressiv tal-flotta eżistenti għal rekwiżiti tekniċi ġodda, ir-Regolamenti għall-Ispazzjoni tal-Bastimenti tar-Renu (RVIR) inkluda xi dispożizzjonijiet tranżitorji. Il-perjodu tranżitorju jista' jkollu varjazzjonijiet kbar (minn xi snin għal bosta għexieren ta' snin).

Skont l-hekk imsejjaħ moratorju tat-12 ta' Ġunju 2014, is-CCNR tawlet il-perjodu bi tliet snin sat-30 ta' Novembru 2017 għat-tmien dispożizzjonijiet tranżitorji li ġejjin:

- L-installazzjoni u l-kejl tal-pajpijiet hekk imsejjaħ breather u l-konnessjonijiet fuq it-tankijiet tal-fjuwil
- Il-livell massimu ta' storbu għall-bastimenti stazjonarji, it-tul massimu permissibbli ta' pressjoni tal-ħoss fil-kamra tal-magna, il-volum tal-ħoss iġġenerat mill-bastiment fil-post tat-tmunier, l-istorbu u l-vibrazzjoni f'żoni abitabbli
- L-applikazzjoni tal-istandard Ewropew għad-dingis
- Il-pjanċa tal-manifattur, it-tagħmir tas-sigurtà, id-dokumentazzjoni abbord il-bastiment fil-każ ta' krejnijiet
- Rotot tal-ħrib fuq bastimenti tal-passiġġieri mhux permezz ta' kċejjen
- Rekwiżiti fuq is-sistema ta' propulsjoni ta' bastimenti tal-passiġġieri
- Ir-rekwiżiti tas-sistema ta' twissija li tallarma lill-passiġġieri u l-ekwipaġġ tal-bastimenti
- Ir-rekwiżiti għall-installazzjonijiet elettriċi.

L-intenzjoni tas-CCNR kienet li tuża dan il-perjodu ta' tliet snin biex jinstabu soluzzjonijiet permanenti li jippermettu biżżejjed żmien lill-operaturi biex jadottawhom.

Jinhtiegħ li jkun innotat li l-iskadenza tad-dispożizzjonijiet tranżitorji attwali skont l-RVIR isseħħ fit-30 ta' Novembru 2017, ħdax-il xahar qabel s-7 ta' Ottubru 2018 (l-applikabbiltà tal-ES-TRIN kemm fid-Direttiva 2016/1629 kif ukoll fil-qafas tas-CCNR).

Dawn id-dispożizzjonijiet tranżitorji huma inklużi wkoll fl-istandard ES-TRIN 2015/1 (li tirreferi għalih id-Direttiva (UE) 2016/1629). L-istandard ES-TRIN (2017/1) il-ġdid jipprevedi li jiġu integrati dispożizzjonijiet li jkopru, fejn xieraq, l-arranġamenti tranżitorji kollha li huma suġġetti għall-moratorju. Għal tnejn (2) minn dawn id-dispożizzjonijiet tranżitorji, is-soluzzjonijiet permanenti huma inklużi fl-ES-TRIN 2017/1 (l-installazzjoni u l-kejl tal-pajpijiet hekk imsejjaħ breather u l-konnessjonijiet fuq it-tankijiet tal-fjuwil u l-pjanċa tal-manifattur, it-tagħmir tas-sigurtà, id-dokumentazzjoni abbord il-bastiment fil-każ ta')

krejnijiet) u għas-sitta (6) l-oħra, l-ES-TRIN 2017/1 jipprevedi estensjoni ulterjuri tal-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet tranżitorji (sal-ES-TRIN 2019).

Sabiex jitnaqqas id-distakk bejn tmiem l-iskadenza tal-moratorju u d-data tal-applikazzjoni tal-istandard ES-TRIN, 2017/1, huwa meħtieġ li jiġi estiż parzjalment il-moratorju fir-RVIR tal-inqas sas-6 ta' Ottubru 2017 (id-data sa meta jibda japplika l-ES-TRIN 2017/1).

L-intenzjoni tas-CCNR hija li tipproponi bidla fir-RVIR għal dawn id-dispożizzjonijiet tranżitorji li jiskadu fit-30 ta' Novembru 2017.

L-Istati Membri tas-CCNR, inklużi erba' Stati Membri tal-UE, se jintalbu japprovaw f'Mejju 2017, fl-okkażjoni tal-laqgħa plenarja li jmiss tas-CCNR, l-estensjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet tranżitorji.

ES-TRIN

L-ewwel verżjoni ES-TRIN (ES-TRIN 2015) ġiet iffinalizzata mis-CESNI fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Settembru 2015. Din ġiet formalment adottata mil-laqgħa plenarja tas-CESNI fis-26 ta' Novembru 2015.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2176¹ stabbiliet il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fi ħdan is-CESNI u fis-sessjoni plenarja tas-CCNR dwar l-adozzjoni ta' ES-TRIN 2015.

Dan l-istandard jistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi uniformi meħtieġa biex jiżguraw is-sigurtà tal-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Dan jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-bini tal-bastimenti, l-armar u t-tagħmir għal bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, dispożizzjonijiet speċjali fir-rigward ta' kategoriji speċifiċi ta' bastimenti bħal bastimenti tal-passiġġieri, konvojs imbuttati u bastimenti tal-kontejners, dispożizzjonijiet dwar l-identifikazzjoni tal-bastiment, mudell ta' ċertifikati u reġistru, dispożizzjonijiet tranżitorji kif ukoll struzzjonijiet għall-applikazzjoni ta' standard tekniku.

ES-TRIN jiġi aġġornat regolarment filwaqt li titqies hídmet il-gruppi ta' hídma tas-CESNI.

L-aġġornament regolari ta' ES TRIN huwa meħtieġ biex:

- jinżamm il-livell għoli ta' sikurezza fin-navigazzjoni interna
- tiġi segwita l-evoluzzjoni teknika (eż. tat-tmunier, tat-tagħmir tan-navigazzjoni)
- tiġi żgurata l-kompatibilità mal-qafas legali tal-UE (eż. ir-regolament dwar il-Makkinarju Mobbli Mhux tat-Triq)

Matul l-2016, l-esperti tas-CESNI ħejjew l-istandard ES-TRIN 2017/1.

ES-TRIN 2017/1 jinkorpora emendi varji, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw l-oqsma li ġejjin:

- l-elevazzjoni tat-tmunier
- l-aġġornament tar-referenza għal standards internazzjonali varji
- l-emissjonijiet ta' inkwinanti ta' gass u partikolati minn magni
- it-tagħmir u l-installazzjonijiet elettriċi
- is-sistema għat-tifi tan-nar
- il-pjanċa tal-manifattur għal krejnijiet

¹ ĠU L 307, 25.11.2015, p.25

- l-aġġornament tad-dispożizzjonijiet dwar it-tagħmir tan-navigazzjoni u tal-nformazzjoni
- il-korrezzjonijiet tad-dispożizzjonijiet tranżitorji dwar tagħmir approvat skont it-tip

Fil-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Marzu 2017, is-CESNI ddeċieda b'mod unanimu li jiskeda l-adozzjoni tal-verżjoni aġġornata ta' ES-TRIN (ES-TRIN 2017/1) għal-laqgħa tas-6 ta' Lulju 2017. Qabel din il-laqgħa f'Lulju, huwa mistenni li jsir biss xi tibdil żgħir u formali fl-abbozz ta' ES-TRIN. L-istandards se jiġu ppubblikati permezz ta' sit web iddedikat għal dan (cesni.eu).

2. LEĠIŻLAZZJONI RILEVANTI TAL-UE U KOMPETENZA TAL-UE

Id-Direttiva 2006/87/KE tiżgura li ċ-ċertifikati tal-Unjoni għan-navigazzjoni tal-passaġġi fuq l-ilma interni jinħarġu għal inġenji li huma konformi mar-rekwiżiti tekniċi għal bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva li għalihom ġiet stabbilita l-ekwivalenza mar-rekwiżiti tekniċi stipulati fl-applikazzjoni tal-Konvenzjoni Riveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu.

Iċ-ċertifikati maħruġa skont l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni Riveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu u ċ-ċertifikati għan-navigazzjoni tal-passaġġi fuq l-ilma interni tal-Unjoni huma meqjusa bħala ekwivalenti mill-aspett tar-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti, b'mod partikolari billi r-rekwiżiti tekniċi fi ħdan il-qafas legali tal-UE kienu bbażati fuq ir-rekwiżiti tekniċi tar-Regolamenti għall-Ispezzjoni ta' Bastimenti tar-Renu.

Barra minn hekk, l-Artikolu 20 tad- Direttiva 2006/87/KE jipprevedi li kwalunkwe emenda tal-Anness II abbażi tal-progress tekniku jew tal-iżviluppi f'dan il-qasam li jirriżultaw minn xogħlijiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari s-CCNR, għandha tiżgura li ċ-ċertifikati maħruġa skont l-oqfsa regolatorji rispettivi jibqgħu ekwivalenti biex jiggarrantixxu livell ekwivalenti ta' sikurezza.

Għaldaqstant, kwalunkwe żvilupp li ġej minn emendi tar-rekwiżiti tekniċi fil-qafas tas-CCNR, u allura anki tal-arranġamenti tranżitorji previsti fihom, jista' jaffettwa d-Direttiva 2006/87/KE.

Barra minn hekk, fis-16 ta' Settembru 2016, ġiet ippubblikata d-Direttiva (UE) 2016/1629.

L-Istati Membri li lilhom hija indirizzata d-Direttiva għandhom jadottaw il-miżuri kollha neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sas-7 ta' Ottubru 2018.

L-Anness II tad-Direttiva fih ir-rekwiżiti tekniċi applikabbli għall-inġenji. Dak l-Anness jirreferi għall-istandard ES-TRIN 2015/1. Barra minn hekk, l-Artikolu 31(1) tad-Direttiva jistipula li l-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati (...) biex tadatta l-Anness II, biex tagħgħorna, mingħajr dewmien żejjed, ir-referenza għall-aktar verżjoni reċenti tal-istandard ES-TRIN u biex tistabbilixxi d-data ta' applikazzjoni tiegħu.

Kif intqal hawn fuq, is-CESNI, li jaġixxi taħt l-awspiċji tas-CCNR u li huwa miftuħ għal esperti mill-Istati Membri kollha, huwa responsabbli mit-tfassil tal-istandards tekniċi fil-qasam tan-navigazzjoni interna li għalihom l-Unjoni għandha tirreferi.

Il-premessa (21) tad-Direttiva 2016/1629 tispjega li s-CESNI twaqqaf biex jiffaċilita l-armonizzazzjoni ta' standards tekniċi applikati fis-settur tal-passaġġi fuq l-ilma interni fl-Ewropa kollha. Id-Direttiva tkompli tfakkar li biex jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza u effiċjenza fin-navigazzjoni interna, biex tinżamm l-ekwivalenza ta' ċ-ċertifikati tan-navigazzjoni interna u sabiex jittieħed kont tal-progress xjentifiku u tekniku u ta' żviluppi oħra fis-settur, ir-referenza għall-Istandard Ewropew li jistabbilixxi r-Rekwiżiti Tekniċi għal

Bastimenti tal-Passaġġi fuq l-Ilma Interni (l-istandard ES-TRIN) applikabbli jkollha tinżamm aġġornata.

3. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET INTERESSATI

L-aġġornament tal-istandard tekniku ta' ES-TRIN kien is-suġġett ta' thejjiha intensiva fil-livell tal-esperti tas-CESNI. Firxa kbira ta' esperti mis-settur pubbliku u privat ġew ikkonsultati f'dan ir-rigward. Matul l-iżvilupp ta' dan l-istandard saru l-laqgħat tekniċi li ġejjin fil-livell tas-CESNI:

- laqgħat ta' ħidma (23–24.02.2016; 14-15.06.2016; 30-31.08.2016; 29-30.11.2016; 21-22.02.2017) u
- Laqgħa tal-Kumitat (23.03.2017).

Dawn il-laqgħat ippermettew li jintlaħaq ftehim fil-livell ta' esperti dwar ir-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni.

4. IL-ĦTIEĠA GĦAL DEĊIŻJONI SKONT IT-TFUE 218(9)

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE jstabbilixxi li "Il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni (...) għandu jadotta deċiżjoni (...) li tistabbilixxi l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f' isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim."

Fir-rigward tal-applikabbiltà tal-Artikolu 218(9) tat-TFUE, il-proċedura ta' hemmhekk trid tiġi rispettata hekk kif il-kundizzjonijiet ta' hemmhekk jiġu ssodisfati. Dawn il-kundizzjonijiet huma: (a) il-qasam rilevanti jaqa' taħt il-kompetenza tal-Unjoni, (b) il-pożizzjoni tal-Unjoni hija espressa f'sede stabbilita bi ftehim internazzjonali meta dik is-sede tintalab tadotta (c) atti li jkollhom effetti legali. Ġie ċċarat permezz tal-ġurisprudenza li s-sħubija tal-Unjoni fis-sede rilevanti mhix prerekwiżit għall-applikazzjoni tal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Huwa evidenti f'dan il-każ li r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni mhux biss jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni iżda aktar minn hekk, l-Unjoni eżerċitat il-kompetenza tagħha permezz tad-Direttiva 2006/87/KE u d-Direttiva (UE) 2016/1629 u l-qasam tar-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni huwa rregolat fil-parti l-kbira minn regoli komuni tal-Unjoni.

Kemm is-CESNI kif ukoll is-CCNR jissodisfaw it-tieni kriterju, peress li huma korpi stabbiliti skont ftehim internazzjonali.

Għalkemm ir-regoli adottati mis-CESNI mhumix vinkolanti fihom infushom, huwa ċar li dawn isiru vinkolanti għall-membri tas-CCNR ladarba s-CCNR jimmodifika l-qafas leġislativ tagħha (ir-Regolamenti għall-Ispezzjoni ta' Bastimenti tar-Renu) b'referenza għall-istandard adottat mis-CESNI u tagħmel dan l-istandard mandatorju fil-qafas tal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni Riveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu. Il-karattru vinkolanti ta' dan ir-Regolament fost il-membri tas-CCNR huwa stabbilit skont il-Konvenzjoni ta' Mannheim tas-17 ta' Ottubru 1868².

Barra minn hekk, huwa ċar ukoll mill-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja li att mhux vinkolanti ta' organizzazzjoni internazzjonali jista' jiġi kkunsidrat bħala "att li jkollu effetti legali" għall-

² Il-Konvenzjoni Riveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu tas-17 ta' Ottubru 1868, kif emendata fl-20 ta' Novembru 1963

finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 218(9) tat-TFUE meta dan l-att ikun kapaċi li b'mod deċiżiv jinfluwenza l-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE. Kif spjegat hawn fuq, il-qafas applikabbli skont il-Konvenzjoni Riveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu għandu jitqies għal kull emenda tad-Direttiva (UE) 2006/87.

L-istandards Tekniċi adottati mis-CESNI huma inklużi fl-Anness II tad-Direttiva 2016/1629 u għandhom jiġu aġġornati permezz ta' atti delegati.

Għaldaqstant, il-Kunsill adotta deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni, l-ewwel fi ħdan is-CESNI għall-adozzjoni ta' standards dwar ir-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, u t-tieni fi ħdan is-CCNR għall-emendar tal-RVIR fir-rigward tal-arranġamenti tranżitorji.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards fin-navigazzjoni interna (CESNI) u fis-sessjoni plenarja tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (is-CCNR) rigward l-adozzjoni ta' standards dwar ir-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u l-emendar tad-dispożizzjonijiet tranżitorji fir-rigward ta' dawk il-bastimenti

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-azzjoni mill-Unjoni fis-settur tan-navigazzjoni interna jenħtieġ li jkollha l-għan li tiżgura uniformità fl-iżvilupp tar-rekwiżiti tekniċi applikati fl-Unjoni fir-rigward ta' bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni li jridu jiġu applikati fl-Unjoni.
- (2) Is-sessjoni plenarja tas-CCNR mistennija li ttawwal id-dispożizzjonijiet tranżitorji rilevanti sas-6 ta' Ottubru 2018 fil-laqgħa tiegħu tal-31 ta' Mejju 2017.
- (3) Il-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards fin-navigazzjoni interna (CESNI) inhloq fit-3 ta' Ġunju 2015 fil-qafas tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR) biex jiżviluppa standards tekniċi għall-passaġġi fuq l-ilma interni f'diversi oqsma, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-bastimenti, it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-ekwipaġġ.
- (4) Is-CESNI huwa mistenni li jadotta standard dwar ir-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Lulju 2017.
- (5) Bħalissa hemm tmien rekwiżiti tekniċi speċifiċi msemmija fir-Regolamenti dwar l-Ispezzjoni tal-Bastiment fuq ir-Renu (RVIR) taħt il-qafas tas-CCNR li jibbenefikaw minn dispożizzjonijiet tranżitorji tar-RVIR. L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tranżitorji tar-RVIR ittawlu wara moratorju. Din l-estensjoni se tiskadi fit-30 ta' Novembru 2017. Id-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tiżgura li ċ-ċertifikati għan-navigazzjoni tal-passaġġi fuq l-ilma interni fl-Unjoni jinħarġu għal inġenji li huma konformi mar-rekwiżiti tekniċi għal bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni stabbiliti fl-Anness II għal dik id-Direttiva li għalihom ġiet stabbilita l-ekwivalenza mar-rekwiżiti tekniċi stipulati fl-applikazzjoni tal-Konvenzjoni Riveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu. Barra minn hekk, dawn l-arranġamenti tranżitorji huma parti minn ES-TRIN 2015/1, li japplika b'konformità mal-Anness II tad-Direttiva (UE) 2016/1629.
- (6) Sabiex tkun żgurata l-kontinwità bejn ir-regoli u r-rekwiżiti eżistenti li jinsabu fl-istandard ES-TRIN 2017/1, huwa propost li tiġi estiża l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tranżitorji tar-RVIR inklużi fil-moratorju sas-6 ta' Ottubru 2018.

- (7) L-istandard li jrid jiġi adottat mis-CESNI jistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi uniformi meħtieġa biex jiżguraw is-sigurtà tal-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Dan jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-bini tal-bastimenti, l-armor u t-tagħmir għal bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, dispożizzjonijiet speċjali fir-rigward ta' kategoriji speċifiċi ta' bastimenti bħal bastimenti tal-passiġġieri, konvojs imbuttati u bastimenti tal-kontejners, dispożizzjonijiet dwar it-tagħmir tas-Sistema ta' Indentifikazzjoni Awtomatika, dispożizzjonijiet dwar l-identifikazzjoni tal-bastiment, mudell ta' ċertifikati u reġistru, dispożizzjonijiet tranżitorji kif ukoll struzzjonijiet għall-applikazzjoni ta' standard tekniku.
- (8) Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ b'effett mis-7 ta' Ottubru 2018, fl-Anness II tagħha direttament tirreferi għar-rekwiżiti tekniċi għal inġenji bħala dawk mogħtija fl-istandard 2015/1 ta' ES-TRIN. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tagħgħorna din ir-referenza fl-Anness II, għall-aktar verżjoni reċenti tal-istandard ES-TRIN u li tistabbilixxi d-data tal-applikazzjoni tagħha.
- (9) Għalhekk, l-istandard dwar ir-rekwiżiti tekniċi għal bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni li għandu jiġi adottat fis-CESNI se jaffettwa d-Direttiva (UE) 2016/1629.
- (10) L-Unjoni la hija membru tas-CCNR u lanqas tas-CESNI. Huwa għalhekk meħtieġ li l-Kunsill jawtorizza lill-Istati Membri biex jesprimu l-pożizzjoni tal-Unjoni rigward l-adozzjoni ta' standard dwar ir-rekwiżiti tekniċi għal bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u d-dispożizzjonijiet tranżitorji rigward dawk il-bastimenti.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-laqgħa tas-sessjoni plenarja tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR) fil-31 ta' Mejju 2017 għandha tkun li taqbel li jittawwal il-moratorju ta' dispożizzjonijiet tranżitorji għat-tmien (8) rekwiżiti tekniċi li ġejjin, sa mill-inqas is-6 ta' Ottubru 2018:
 - (a) L-installazzjoni u l-kejl tal-pajpijiet hekk imsejħa breather u l-konnessjonijiet fuq it-tankijiet tal-fjuwil;
 - (b) Il-livell massimu ta' storbju għall-bastimenti stazjonarji, it-tul massimu permissibbli ta' pressjoni tal-ħoss fil-kamra tal-magna, il-volum tal-ħoss iġġenerat mill-bastiment fil-post tat-tmunier, l-istorbju u l-vibrazzjoni f'żoni abitabbli;
 - (c) L-applikazzjoni tal-istandard Ewropew għad-dingis;
 - (d) Il-pjanċa tal-manifattur, it-tagħmir tas-sigurtà, id-dokumentazzjoni abbord il-bastiment fil-każ ta' krejnijiet;
 - (e) Ir-rotot tal-ħrib fuq bastimenti tal-passiġġieri mhux permezz tal-kċejjen;

³ Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 118).

⁴ Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 82/714/KEE ([ĠU L 389, 30.12.2006, p. 1](#)).

- (f) Ir-rekwiżiti fuq is-sistema ta' propulsjoni ta' bastimenti tal-passiġġieri;
 - (g) Ir-rekwiżiti tas-sistema ta' twissija li tallarma lill-passiġġieri u l-ekwipaġġ tal-bastimenti;
 - (h) Ir-rekwiżiti għall-installazzjonijiet elettriċi.
2. Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni Ewropea fil-laqgħa tal-Kumitat Ewropew għat-tfassil tal-istandards fil-qasam tan-navigazzjoni fuq passiġġi tal-ilma interni (CESNI) tas-6 ta' Lulju 2017 għandha tkun li taqbel mal-adozzjoni tal-Istandard Ewropew li jstabbilixxi r-Rekwiżiti Tekniċi għan-Navigazzjoni fl-Ilmijiet Interni ("standard ES-TRIN") 2017/1.

Artikolu 2

1. Il-pożizzjoni tal-Unjoni kif stipulata fl-Artikolu 1(1) għandha tiġi espressa mill-Istati Membri, li jaġixxu b'mod konġunt fl-interessi tal-Unjoni.
2. Il-pożizzjoni tal-Unjoni kif stipulata fl-Artikolu 1(2) għandha tiġi espressa mill-Istati Membri li huma membri tas-CCNR, li jaġixxu b'mod konġunt fl-interessi tal-Unjoni.

Artikolu 3

Bidliet minuri għall-pożizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 1 jistgħu jiġu miftiehma mingħajr deċiżjonijiet ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*